MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 367/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Andrew Carl Sciberras**

**Kumpilazzjoni Nru: 367/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andrew Carl Sciberras, ta' 22 sena, bin David u Jill Ann nee' Neaves, imwieled l-Ingilterra fit-28 ta' Dicembru 1992, residenti fil-fond Bunch of Flowers, Triq il-Kappuccini, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 217705L.

Akkuzat talli bejn l-01 u s-06 t'April, 2015 mill-fond numru 8, Jeanli, Flat 8, Triq ic-Cimiterju, Zabbar ikkommetta serq ta' gojjellerija, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-dannu t'ommu, Jill Ann Neaves, u t'ohtu, Jodie Marie Camilleri, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Akkuzat ukoll talli kkommetta l-istess reat ta' serq, ghal liema reat hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza definittiva mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. nhar l-10 ta' Ottubru, 2013.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat lest li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni moghti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(B) ta'l-istess Kapitolu 9 qed testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat f'l-10 ta' Ottubru 2013 ghal tlett snin mill-llum b'mod li l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ghandha tibqa sospieza sal-5 ta' Mejju 2018.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------